



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.06.2005  
KUMM(2005) 210 finali/2

2005/0098 (COD)

CORRIGENDUM : Ajout d'un tableau à la fin de l'exposé des motifs; concerne les 20 versions linguistiques.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar finanzjament multi-annwali għall-azzjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà  
Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u li jemenda r-  
Regolament (KE) Nru 1406/2002**

(preżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **1. IR-RAĠUNIJET GĦAL U L-GĦAN TAL-PROPOSTA**

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("l-Aġenzija")<sup>1</sup> ngħatat kompiti ġodda fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt permezz tar-Regolament (KE) Nru 724/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jwaqqaf Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima. Minħabba li r-responsabbiltà ta' l-Aġenzija għar-reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt hija fit-tul, it-twettiq effiċjenti u eżawrjenti tal-kompiti involuti jseħħ biss jekk ikun hemm sigurtà finanzjarja xierqa fuq il-bażi ta' impenn multi-annwali.

Għaldaqstant, din il-proposta leġiżlattiva twaqqaf il-proċeduri għal, u tiddefinixxi kontribut finanzjarju tal-Komunità, għall-finanzjament tal-kompiti l-ġodda ta' l-Aġenzija, fuq il-bażi ta' impenn multi-annwali mifruq fuq perjodu ta' seba' snin.

Din il-proposta hija inkluża fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2005.

### **2. KUNTEST ĠENERALI U ĠUSTIFIKAZZJONI GĦALL-MIŻURA PROPOSTA**

L-aċċident marittimu kbir tat-tanker taż-żejt ERIKA f'Diċembru 1999, li involva t-tixrid ta' għadd kbir ta' żejt, wassal għall-ħolqien ta' l-Aġenzija fl-2002, bir-rwol tagħha jkun li tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'assistenza xjentifika u teknika għall-finijiet ta' l-assigurazzjoni ta' livell għoli, uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis mill-bastimenti. It-tixrida taż-żejt aktar reċenti, ikkawżata mill-aċċident tat-tanker taż-żejt PRESTIGE, kienet tabilħaqq avveniment li wasslet għall-iżvilupp ta' miżuri speċifiċi ta' reazzjoni għat-tniġġis li ġej mill-bastimenti. Dawn iż-żewġ aċċidenti marittimi wrew, fil-fatt, li ma kienx hemm biżżejjed kapacià ta' reazzjoni xierqa disponibbli fuq livell ta' l-Istati Membri individwali għal reazzjoni fil-waqt u effettiva għal tixridiet fuq skala kbira u li hemm ħtieġa li jkunu disponibbli mezzi addizzjonali.

B'dan fl-isfond, ir-Regolament (KE) Nru 724/2004 inkariga lill-Aġenzija b'obbligi speċifiċi fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti fil-Komunità. Skond it-termini ta' dak ir-Regolament, l-Aġenzija hija meħtieġa li tipprovdi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'assistenza teknika u xjentifika fil-qasam tat-tniġġis aċċidentali jew deliberat ikkawżat mill-bastimenti u, b'mod partikolari, biex issostni, meta mitluba, b'mod li joffri effiċjenza biżżejjed meta mqabbel mal-flus li ntefqu, il-mekkaniżmi ta' reazzjoni għat-tniġġis ta' l-Istati Membri. Sabiex ikun provdut qafas ġenerali għall-azzjoni tagħha fil-qasam tal-prevenzjoni u tar-reazzjoni għal tniġġis miż-żejt, l-Aġenzija adottat Pjan ta' Azzjoni f'Ottubru 2004 għall-istat ta' preparazzjoni u reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt ("il-Pjan ta' Azzjoni")<sup>2</sup>, kif provdut fir-Regolament.

Il-Pjan ta' Azzjoni jidentifika l-attivitajiet li l-Aġenzija biħsiebha tibda fil-kuntest tar-Regolament bażiku, kemm f'termini ta' reazzjoni għal tixrid ta' żejt, permezz ta' bastimenti speċjalizzati għal kontra t-tniġġis, kif ukoll f'termini ta' stat ta' preparazzjoni bħala mezz li jitwaqqfu operazzjonijiet

---

<sup>1</sup> Stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002, ĠU L 208, tal-5.8.2002, p.1.; ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 724/2004, ĠU L 129, tad-29.4.2004, p.1.

<sup>2</sup> Il-Pjan ta' Azzjoni kien adottat mill-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija fid-disa' laqgħa tiegħu li saret f'Lisbona fil-21 u t-22 ta' Ottubru 2004 (indirizz ta' l-internet: <http://www.emsa.eu.int>).

ta' reazzjoni effettivi. Għandu l-għan, b'mod partikolari, li jassigura l-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Aġenzija.

1. L-attivitajiet kontra t-tniġġis ta' l-Aġenzija

L-azzjoni kontra t-tniġġis ta' l-Aġenzija tkopri, b'mod partikolari, it-tliet oqsma li ġejjin:

**(a) L-informazzjoni**

Bil-għan li tkun ivvalutata u mtejba l-effikaċja ta' miżuri kontra t-tniġġis, l-Aġenzija biħsiebha tiġbor, tanalizza u xxerred informazzjoni u l-aħjar prassi, metodi u innovazzjonijiet fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt. Din l-informazzjoni eventwalment tinbena fil-qafas ta' "ċentru ta' għarfien" maħsub għal reazzjoni u stat ta' preparazzjoni proattivi kontra t-tniġġis.

**(b) Il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni**

L-Aġenzija ser tippovdi s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, meta mitluba tagħmel dan, b'assistenza teknika u xjentifika għat-tixrid ta' l-aħjar prassi u l-iskambju ta' osservaturi mid-diversi ftehimiet reġjonali<sup>3</sup>.

**(c) L-assistenza fl-operazzjonijiet**

L-Aġenzija tista' tintalab mill-Istati Membri, li jkollhom ilaħħqu ma' tixrid kbir ta' żejt li jmur lil hinn mill-kapaċitajiet nazzjonali u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni għat-tniġġis, biex iżżid mal-mekkaniżmi ta' kontra t-tniġġis tagħhom billi iżżid il-kapaċità ta' rkupru taż-żejt fuq il-baħar. Din tista' tipparteċipa wkoll f'attivitajiet konġunti ta' reazzjoni kontra t-tniġġis miż-żejt taħt il-ftehimiet reġjonali u eżerċizzji multinazzjonali.

Dawn il-mezzi addizzjonali għandhom jiġu provduti mill-Aġenzija permezz tal-mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-kooperazzjoni msaħħa f'interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001<sup>4</sup>. L-operazzjonijiet involuti u l-mezzi offruti jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istat Membru li jagħmel it-talba.

Erba' reġjuni ġew iddeterminati bħala ż-żoni primarji ta' assistenza operattiva, jiġifieri l-Baħar Baltiku, il-mogħdijiet mill-Punent għall-Kanal Ingliż, il-kosta ta' l-Atlantiku u l-Mediterran (b'mod partikolari ż-żona tul ir-rotta kummerċjali tat-tankers mill-Baħar l-Iswed), fejn l-Aġenzija eventwalment ser tistazzjona bastimenti għar-reazzjoni kontra t-tniġġis, filwaqt li kwalunkwe żona oħra fil-bżonn tista' tkun assistita bl-istess mod.

Sabiex tippovdi l-bastimenti għat-tixridiet taż-żejt xierqa b'rata kompetittiva, l-Aġenzija għażlet li tikri fit-tul billi tikkonkludi kuntratti lesti biex jintużaw (*stand-by*) ma' operatori ta' bastimenti kummerċjali li għandhom bastimenti ta' kapaċità suffiċjenti li jistgħu jkunu adattati għal skopijiet ta' reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt, li jkunu jkopru kull wieħed mir-reġjuni li għandhom prijorità għal perjodu minimu ta' tliet snin (bastimenti lesti għall-azzjoni). Wara talba għall-assistenza minn Stat Membru, dawn il-bastimenti jkollhom iwaqqfu l-attivitajiet kummerċjali tas-soltu tagħhom sabiex imorru fiż-żona fil-bżonn. Il-perjodu ta' tliet snin huwa meqjus meħtieġ sabiex ikopri l-

<sup>3</sup> Il-ftehim bilaterali u reġjonali, bħall-Konvenzjonijiet ta' Helsinki u ta' Barċellona rispettivament ta' l-1974 u l-1976, konklużi bejn l-Istati mal-kosta sabiex jagħtu assistenza lil xulxin f'każ ta' inċident li jinvolvi tniġġis marittimu.

<sup>4</sup> ĠU L 297, 15.11.2001, p.7.

investimenti finanzjarji, b' mod partikolari f' tagħmir ta' abbord xieraq u għaldaqstant jirrappreżenta l-iktar soluzzjoni effiċjenti meta jitqiesu l-flus li ntefqu. Il-Federazzjoni Internazzjonali dwar it-Tniġġis tas-Sidien tat-Tankers appoġġjat ukoll din l-għażla partikolari fi studju kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u t-Trasport dwar il-kapaċitajiet ta' reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt<sup>5</sup>.

## 2. Il-mezzi għall-iffinanzjar ta' l-attivitajiet kontra t-tniġġis

Id-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji ser tiddetermina n-natura u safejn tasal l-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet kontra t-tniġġis ta' l-Aġenzija. Is-somma ta' € 17.8 miljun ġiet allokata mill-Awtorità ta' l-Estimati għall-2005. L-appropriazzjoni mill-baġit għall-2006 se jkollha tinkludi dispożizzjonijiet għal ammont addizzjonali ta' € 9 miljuni (miżjud fuq l-€ 20 miljun li diġà ġew assenjati għall-attivitajiet kontra t-tniġġis fl-APS għall-2006), li minnu € 6 miljuni biex ikopru kuntratt lest biex jintuża (*stand-by*) għal erba' snin għal bastiment maħsub għall-aċċidenti li jinvolvu sustanzi perikolużi u noċivi (HNS- ara aktar 'l isfel taħt it-taqsim 3, paragrafu a) biż-żieda ta' € 3 miljuni oħra għat-twaqqif ta' Ċentru ta' Servizz għall-Immaġinijiet bis-Satellita. Din l-appropriazzjoni ser tkun deċiża skond il-proċedura kurrenti tal-baġit.

Minħabba l-impatt fit-tul tad-danni li jistgħu jiġu kkawżati minn tixrid kbir ta' żejt, huwa ta' importanza kbira li l-kapaċitajiet ta' reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt fl-Ewropa jissaħħu iktar billi jkun mitigat u miġġieled it-tniġġis miż-żejt fil-pront, b' mod effettiv u komprensiv. Sabiex tiġi organizzata reazzjoni operattiva kontra t-tniġġis miż-żejt, l-Aġenzija ser teħtieġ, fil-futur qrib, li tibni fuq l-attivitajiet kontra t-tniġġis kurrenti murija fil-Pjan ta' Azzjoni u tkun provduta b' mezzi addizzjonali biex tittejjeb u titkabbar kemm tista' l-attività ġenerali ta' rkupru fuq il-baħar taż-żejt fl-ibħra Ewropej:

Skond l-estimi reċenti, il-**kapaċità ta' reazzjoni** għandha tiġi msaħħa iktar f' ċerti reġjuni, fejn distanzi twal jistgħu ma jħallux li jsiru interventi fil-pront, permezz ta' bastimenti u tagħmir għall-irkupru taż-żejt addizzjonali. Madankollu, l-irkupru mekkaniku fuq il-baħar mhux l-uniku mod ta' kif jistgħu jittejjbu l-kapaċitajiet ta' reazzjoni. It-titjib tal-mezzi u tat-tagħmir għas-**sorveljanza mill-ajru** bħala għajnuna għas-sejba u l-ġlieda kontra t-tniġġis u l-prevenzjoni tal-ksur tar-regolamenti kontra t-tniġġis huma oqsma oħra li għandhom jiġu żviluppatti. Barra minn hekk, l-**immagħni bis-satellita** tista' tintuża biex tikkumplimenta l-attivitajiet ta' sorveljanza u kontroll ta' li bħalissa qed iwettqu l-inġenji ta' l-ajru. Vallapena, għaldaqstant, li l-Aġenzija tesplora l-possibbiltajiet li tipprovdi l-immagħnijiet bis-satellita lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni billi twaqqaf Ċentru ta' Servizzi għall-Immagħnijiet bis-Satellita, biex jgħin fis-sejba, fl-immonitorjar u fit-tmexxija ta' rimi illegali u ta' tixrid ta' żejt aċċidentali. Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, jeħtieġ li tkun żviluppata reazzjoni għal inċidenti li jinvolvu **sustanzi perikolużi u noċivi** fuq il-baħar ta' valutazzjoni tal-kummerċ bil-baħar ta' dawn is-sustanzi u stima tar-riskji inerenti ta' tagħbijiet bħal dawn.

Barra minn hekk, meta wieħed iqis ir-responsabbiltà fit-tul ta' l-Aġenzija għar-reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt, jinħtieġ li jinbdew investimenti fuq żmien twil biex ikun hemm mezzi finanzjarji xierqa għar-reazzjoni għat-tniġġis u li jippermettu sigurtà finanzjarja suffiċjenti, li tnaqqas l-ispiża fl-innegożjar ta' kuntratti iktar fit-tul.

Il-Parlament Ewropew qabel ma' din l-istrateġija. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' April 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-baħar, il-Parlament laqa' l-fatt li l-Aġenzija kienet inġhatat responsabbiltajiet ta' ħidma fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis u saħaq fuq l-importanza li jkun disponibbli l-fondi meħtieġa sabiex twettaq l-obbligi tagħha.

---

<sup>5</sup> Studju dwar ir-reazzjoni għat-tniġġis mill-bastimenti, April 2004.

Għaldaqstant, sabiex tkun assigurata l-vijabilità ta' sforz effiċjenti u sostenibbli kontra t-tniġġis miż-żejt fuq livell Ewropew, jeħtieġ li wieħed jipprovdi għal sigurtà finanzjarja xierqa biex jiġu provduti l-fondi għall-kompiti kontra t-tniġġis ta' l-Aġenzija u li tkun assigurata l-effikaċja tan-nefqa permezz ta' programm multi-annwali għan-nefqa relatata ma' dawn il-kompiti.

Il-Kummissjoni, għaldaqstant, temmen li jeħtieġ li jkun provdut fond finanzjarju multi-annwali li għandu jkun attribwit lill-baġit Komunitarju għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 biex jaqbel mal-perspettiva finanzjarja l-ġdida. Għaldaqstant tipproponi li jiġi assenjat ammont ta' € 154 miljun għall-perjodu ta' referenza (ara l-anness). L-ammonti annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-Awtorità ta' l-Estimi skond il-proċeduri ta' l-estimi.

### **3. Il-finanzjament multi-annwali għall-attivitajiet kontra t-tniġġis.**

Dan l-ammont huwa mistenni li jkopri t-tliet oqsma ta' attività ta' l-Aġenzija msemmija hawn fuq taħt il-punt 1. L-ammonti indikattivi għal kull qasam huma bbażati fuq l-istimi li ġejjin:

#### **(a) L-assistenza operattiva**

##### ***Il-bastimenti lesti għall-azzjoni***

L-Aġenzija teħtieġ il-perjodu mill-2005 sal-2007 sabiex tibni l-kapaċità minima tagħha li toffri assistenza operattiva 'b'mezzi addizzjonali' lill-Istati Membri, kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 724/2004. L-enfasi f'dan il-qasam ser ikun fuq it-twaqqif ta' sistema ta' bastimenti għall-irkupru taż-żejt lesti għall-azzjoni, kif ukoll Ċentru ta' Servizz għall-Immaġnijiet bis-Satellita, kif imsemmi diġà. Sabiex tittejjeb il-katina ta' reazzjoni ġenerali, l-Aġenzija ser ikollha tindirizza kwistjonijiet diffiċli oħrajn ukoll, bħar-rimi taż-żejt irkuprat u s-sorveljanza mill-ajru.

Il-figuri użati biex jiġi stmat il-baġit tal-programm multi-annwali għar-reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt huma bbażati fuq l-attivitajiet li saru fl-2005 u l-2006. Minkejja li l-programm multi-annwali għandu jibda mill-2007, l-attivitajiet għall-2005 u l-2006 huma direttament rilevanti minħabba li l-kuntratti jkunu għadhom validi u jeħtieġu jkunu mġedda fil-perjodu kopert mill-programm multi-annwali.

Ir-rabta b'kuntratt ta' bastimenti ta' l-irkupru taż-żejt lesti għall-azzjoni ser issir għall-ewwel darba fl-2005 permezz ta' Sejħa Ristretta li ssegwi Sejħa għall-Wiri ta' Interess<sup>6</sup>. L-aġenzija biħsiebha tikkonkludi l-kuntratti sa' l-aħħar ta' l-2005, u b'hekk jiġu impenjati l-ammonti indikati fil-Pjan ta' Azzjoni. Sa l-aħħar ta' l-2005, l-ammonti reali meħtieġa ser ikunu magħrufa u dan jista' jwassal għal aġġustament fil-figuri fil-Pjan ta' Azzjoni. Peress illi dawn il-kuntratti ser ikunu validi għal tliet snin, il-kuntratti ser ikollhom jiġu nneozjati mill-ġdid wara dan il-perjodu.

Rigward l-2006, ser tiġi żviluppata t-tieni fażi għall-kuntratti lesti biex jintużaw (*stand-by*). L-ammonti użati għall-iffirmar ta' kuntratti ta' tliet snin u għat-tiġdid ta' kuntratti wara tliet snin huma simili għall-figuri ta' l-2005. Biex ikun hemm kopertura sħiħa, fl-2007 l-Aġenzija jkollha tinneozja arranġament għall-Baħar l-Iswed ukoll, ġaladarba r-Rumanija u l-Bulgarija jsiru membri sħaħ ta' l-Unjoni Ewropea.

Ser ikunu meħtieġa investimenti sostanzjali mill-ġdid fl-2008 (fi tmiem it-terminu tal-kuntratti, u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem), minħabba taħlita tar-raġunijiet li ġejjin:

- L-iffirmar ta' kuntratti ġodda biex tkun stabbilita kopertura ta' ssoktar ta' l-istess żona li tista' twassal għal bastiment ġdid (parti kontraenti ġdida), li jista' jeħtieġ sistema ta' *pre-fitting* u tat-

<sup>6</sup> L-Avviż ta' pre-Infommazzjoni assoċjat kien ippubblikat fil-ĠU N°2005/S16 – 014442 fit-22.1.2005.

tagħmir li jaqbel mat-tip tiegħu (per eżempju t-tul tas-*sweeping arms* ivarja skond it-tal bastiment),

- It-tagħmir jista' jkun għadda żmienu u jkollu jiġi sostitwit b'tagħmir (innovattiv) aġġornat,
- It-tagħmir jista' jiġri l-ħsara waqt l-eżerċizzji jew l-operazzjonijiet ta' tindif mit-tixrid taż-żejt u/jew ma jibqax fl-aħjar stat tiegħu wara użu f'operazzjoni ta' tindif ta' tixrid taż-żejt (per eżempju l-pompi).

Minbarra l-ispiża għat-tagħmir, parti mill-ammonti hija meħtieġa biex tkopri l-ispejjeż rikorrenti annwali, inkluża l-parteċipazzjoni f'eżerċizzji multi-nazzjonali, it-taħriġ ta' l-ekwipaġġ, kif ukoll id-disponibbiltà tal-bastiment (li jibqa' fiż-żona indikata ta' l-operazzjoni, li tkopri l-interruzzjoni jew it-telf ta' kuntratti kummerċjali fil-każ ta' operazzjoni ta' tixrid ta' żejt).

### ***Il-bastimenti lesti għall-azzjoni għal aċċidenti li jinvolvu l-HNS***

Il-Pjan ta' Azzjoni jindika li fil-waqt li l-passi inizjali ser jindirizzaw il-provvista ta' kapaċità addizzjonali kontra t-tixridiet kbar ta' żejt, dawk li jinvolvu l-HNS ser ikunu indirizzati iktar tard. Huwa importanti li wieħed jinnota li ż-żejt u ż-żejt imxerred għandhom imġiba ġenerika fl-ambjent tal-baħar, li jfisser li l-għażliet ta' reazzjoni jistgħu jkunu definiti b'mod ristrett. Mill-banda l-oħra, il-firxa vasta ta' sustanzi li jistgħu jiġu involuti f'tixridiet "kimiċi" u l-imġiba assoċjata tagħhom fl-ambjent tal-baħar jirriżultaw fil-ħtieġa għal kapaċità ta' reazzjoni addizzjonali ta' natura differenti.

Għalhekk, il-proċess ta' l-akkwisti għal bastimenti ta' reazzjoni għall-HNS hi skedata għall-2006. L-ammonti indikati fl-Anness ser ikunu għat-titjib tal-bastimenti eżistenti taħt kuntratt dak iż-żmien jew, fejn meħtieġ, għar-rabta b'kuntratt ta' bastimenti speċifiċi xierqa għal perjodu ta' tliet snin fuq bażi ta' li jkunu lesti biex jintużaw (*stand-by*). Madankollu, rigward l-2006, bastiment lest għall-azzjoni biex jirreaġixxi kontra l-HNS qed jiġi provdut taħt il-proċedura ta' l-estimi korrenti għal perjodu ta' erba' snin. Parti minn dawn l-ammonti hi meħtieġa sabiex tkopri ta' l-inqas it-*'trasformazzjoni ta' l-ewwel livell'*, li tindirizza s-salvataġġ ta' l-ekwipaġġ, it-tifi tan-nar u l-waqfien ta' telf ta' likwidu.

Sabiex tinżamm din id-dispożizzjoni ta' kapaċità ta' reazzjoni addizzjonali għal tixridiet "kimiċi", il-kuntratti jkollhom jiġġeddu fl-2010, kif ukoll fl-2013.

### ***L-Immaġnijiet Bis-satellita***

Attività addizzjonali fuq skala kbira għall-2006 ser tkun dik tat-twaqqif ta' Ċentru ta' Servizzi għall-Immaġnijiet Bis-satellita għar-Reazzjoni kontra t-Tniġġis miż-Żejt, kif jintalab ukoll fid-Direttiva [...] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar tniġġis minn bastimenti u dwar l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet għall-ksur<sup>7</sup>. Kif issemma qabel, l-immaġnijiet bis-satellita għandhom isostnu l-attivitajiet ta' l-Istati Membri u tal-Kummissjoni fir-reazzjoni kontra r-rimi illegali u tixrid aċċidentali taż-żejt.

L-Aġenzija se jkollha twaqqaf infrastruttura xierqa għal dan l-iskop u se jkollha takkwista immaġnijiet bis-satellita analizzati. Indikazzjoni bikrija ta' l-ispejjeż turi li 1,000 stampa għall-ibħra kollha tal-Komunità fuq bażi annwali jeħtieġu €1 miljun. Kieku dan is-servizz kellu jiġi użat b'mod regolari mill-Istati Membri, l-ammont ma jkunx biżżejjed. Wara li jkun skada l-ewwel kuntratt ta' tliet snin (fl-2009), l-Aġenzija taf tixtieq tinnegozja numru ikbar ta' immaġnijiet, u tiegħu vantaġġ mill-iżviluppi pożittivi ta' l-industrija tas-satelliti.

---

<sup>7</sup> Abbozz ta' Direttiva fil-proċess ta' adozzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw dan iċ-ċentru direttament għal kull tip ta' talba għal *data* kważi fi żmien reali f'dan il-qasam. Permezz ta' strateġija ċentralizzata fuq livell Ewropew, jista' jsir titjib fl-effiċjenza u fid-disponibbiltà diretta ta' *data* bis-satellita, kif ukoll jifaddlu l-flus b'mod sinifikanti (*economies of scale*).

## **(b) Attivitajiet Oħrajn**

### ***Informazzjoni, kooperazzjoni u koordinazzjoni***

Din tkopri l-attivitajiet ta' appoġġ kollha msemmija fil-Pjan ta' Azzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' l-oqsma ta' l-informazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni li huma maħsuba biex jimplementaw l-obbligazzjoni ta' l-Aġenzija biex tipprovdi assistenza teknika u xjentifika lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fil-qasam tar-reazzjoni kontra t-tniġġis miż-żejt.

Fl-2005 u l-2006, l-attivitajiet ser jinkludu b'mod partikolari: (i) It-twaqqif ta' arranġamenti bi ftehimiet reġjonali, (ii) It-tixrid ta' l-aħjar prassi permezz ta' laqgħat ta' gruppi għal diskussjoni u konferenzi, (iii) Studji fil-qasam ta' l-innovazzjoni fit-tagħmir għar-reazzjoni kontra t-tniġġis miż-żejt u metodi ta' reazzjoni apposta għat-tixridiet ta' l-HNS, u (iv) It-titjib ta' l-ippjanar kontinġenti mill-Istati Membri u l-katina ta' reazzjoni.

Mill-2008 ser issir iktar enfasi fuq l-iżvilupp ta' 'attivitajiet oħrajn' biex isostnu l-attività kontra t-tniġġis. Attivitajiet bħall-innovazzjoni ser jeħtieġu li jitħaddmu b'mod sħiħ u ser ikun hemm il-ħtieġa li jinbdew studji speċifiċi. Biex isir titjib fil-katina ta' reazzjoni, l-Aġenzija ser ikollha tindirizza kwistjonijiet diffiċli bħar-rimi taż-żejt irkuprat u s-sorveljanza mill-ajru. Għaldaqstant, riżorsi baġitarji addizzjonali ser ikunu meħtieġa sabiex jiġu ffinanzjati dawn l-attivitajiet.

## **4. Konklużjoni**

L-implimentazzjoni tal-kompiti ta' l-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt inbdiet fl-2005 skond il-Pjan ta' Azzjoni u ser tkompli fis-snin li ġejjin. Minħabba inpenji kontinwi, ser ikun diffiċli li jinbdew tipi oħrajn ta' attivitajiet mingħajr il-flessibiltà xierqa tal-baġit. Għaldaqstant, l-iżvilupp u l-estensjoni ta' l-attivitajiet kontra t-tniġġis ser jeħtieġu investimenti fuq żmien twil u sigurtà finanzjarja xierqa. Għalhekk, huwa meħtieġ Regolament Komunitarju sabiex jipprovdi għal kontribut xieraq tal-Komunità għall-baġit ta' l-Aġenzija għal perjodu ta' seba' snin mill-2007 sal-2013.

Linja tal-baġit: 6020203

**MIŻURI KONTRA T-TNIĠĠIS – IFFINANZJAR MULTI-ANNWALI 2007-2013, AMMONTI INDIKATTIVI, BAĠIT TOTALI 154 miljun Euro**

|   | 2005                             | 2006  | 2007                       | 2008                       | 2009                       | 2010                       | 2011                       | 2012                       | 2013                       |
|---|----------------------------------|---|----------------------------|----------------------------|----------------------------|----------------------------|----------------------------|----------------------------|----------------------------|
| Bastimenti <i>stand-by</i> :<br>Il-Baħar Baltiku                  | Bastiment 1 (2008)<br>4.500.000  | Bastiment 1 (2009)<br>4.500.000                                       | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  |
|   |                                  |   | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  |
|   |                                  |   | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) |
|   |                                  |   | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  |
| Bastimenti <i>stand-by</i> :<br>Il-Baħar Mediterranju             | Bastiment 1 (2008)<br>4.500.000  | 2 Bastimenti (2009)<br>7.000.000                                      | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  |
|   |                                  |   | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  |
|   |                                  |   | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) |
|   |                                  |   | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  | 5.000.000                  |
| Bastimenti <i>stand-by</i> :<br>Il-Kosta Atlantika<br>(żewġ żoni) | 2 Bastimenti (2008)<br>8.500.000 | Bastiment 1 (2009)<br>6.000.000                                       | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  | Igdid tal-kuntratt (2011)  |
|   |                                  |   | 8.500.000                  | 8.500.000                  | 8.500.000                  | 8.500.000                  | 8.500.000                  | 8.500.000                  | 8.500.000                  |
|   |                                  |   | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) | Tiġdid tal-kuntratt (2012) |
|   |                                  |   | 6.000.000                  | 6.000.000                  | 6.000.000                  | 6.000.000                  | 6.000.000                  | 6.000.000                  | 6.000.000                  |
|   |                                  |   | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  |
| Bastimenti <i>stand-by</i> :<br>Il-Baħar l-Iswed/il-Bosforu       |                                  |   | Bastiment 1 (2010)         | Bastiment 1 (2010)         | Bastiment 1 (2010)         | Bastiment 1 (2010)         | Bastiment 1 (2010)         | Bastiment 1 (2010)         | Bastiment 1 (2010)         |
|   |                                  |   | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  | 4.500.000                  |
| Ċentru ta' Servizzi bis-Satellita                                 |                                  | Akkwist ta' dejta (2009)<br>Twaqqif ta' ċentru ta' dejta<br>4.500.000 | Igdid tal-kuntratt (2012)  | Igdid tal-kuntratt (2012)  | Igdid tal-kuntratt (2012)  | Igdid tal-kuntratt (2012)  | Igdid tal-kuntratt (2012)  | Igdid tal-kuntratt (2012)  | Igdid tal-kuntratt (2012)  |
|   |                                  |   | 3.500.000                  | 3.500.000                  | 3.500.000                  | 3.500.000                  | 3.500.000                  | 3.500.000                  | 3.500.000                  |
| Attivitajiet oħrajn:  | 300.000                          | 1.000.000   | 1.000.000                  | 1.500.000                  | 1.500.000                  | 1.500.000                  | 1.500.000                  | 2.000.000                  | 2.000.000                  |
| Baġit annwali:  | 17.800.000                       | 29.000.000  | 20.000.000                 | 19.000.000                 | 22.500.000                 | 25.000.000                 | 19.000.000                 | 23.000.000                 | 25.500.000                 |

L-ammonti huma indikattivi u ma jinkludux korrezzjonijiet ta' l-inflazzjoni. It-tiġib tat-tagħmir għall-bastimenti ta' l-irkupru huwa inkluż b'patt u kundizzjoni li l-kuntratti eżistenti jiġġeddu. Kemm idum l-użu tat-tagħmir jiddependi mill-użu li tabilħaqq isir minnu waqt l-eżerċizzji u t-tixridiet taż-żejt reali. L-ammonti relatati mal-bastimenti jkopru biss kuntratti lesti biex jintużaw (*stand-by*). L-ammonti huma baxxi wisq biex ikopru x-xiri u l-iżvilupp ta' bastimenti speċifiċi għall-irkupru taż-żejt. L-ammonti għall-akkwist tad-dejta b'immagħnijiet tas-satellita iżammli fl-istess livell għall-perjodu kollu minħabba li wieħed jassumi li t-tiġdid tal-kuntratt se jippermetti lill-EMSA li ttejjeb is-servizzi tagħha f'dan il-qasam, għaliex tkun qed tiġi provduta dejta minn satelliti ġodda u l-ammont ta' dejta jista' jiġdied biex ikopri domanda dejjem ikbar.



Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar finanzjament multi-annwali għall-azzjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat mill-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni<sup>8</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>9</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>10</sup>,

Jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002<sup>11</sup> iwaqqaf Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("l-Aġenzija") bl-iskop li jkun assigurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sigurtà marittima u jkun hemm prevenzjoni ta' tniġġis mill-bastimenti.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 724/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 jagħti lill-Aġenzija kompiti ġodda fil-qasam tal-prevenzjoni tat-tniġġis u tar-reazzjoni għal tniġġis ikkawżat minn bastimenti, b'reazzjoni għall-aċċidenti reċenti f'ilmijiet Komunitarji, b'mod partikolari dawk tat-tankers taż-żejt "Erika" u "Prestige".
- (3) Għall-finijiet li jiġu implimentati l-kompiti l-ġodda ta' prevenzjoni tat-tniġġis u r-reazzjoni għat-tniġġis, il-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija adotta fit-22 ta' Ottubru 2004 Pjan ta' Azzjoni għall-istat ta' preparazzjoni u reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt, li jiddetermina l-attivitajiet ta' reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt ta' l-Aġenzija u huwa maħsub għall-aħjar użu tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Aġenzija ("il-Pjan ta' Azzjoni").

---

<sup>8</sup> ĠU C [], [], p. []

<sup>9</sup> ĠU C [], [], p. []

<sup>10</sup> ĠU C [], [], p. []

<sup>11</sup> ĠU L 208, 5.8.2002, p.1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 724/2004, ĠU L 129, tad-29.4.2004, p.1)

- (4) L-Azzjoni ta' reazzjoni kontra t-tniġġis ta' l-Aġenzija, kif iddefinita fil-Pjan ta' Azzjoni, hi marbuta ma' l-attivitajiet fl-oqsma ta' l-informazzjoni, tal-kooperazzjoni u tal-koordinazzjoni u fuq kollox ma' l-assistenza fl-operazzjonijiet lill-Istati Membri billi jkunu provduti bastimenti addizzjonali kontra t-tniġġis.
- (5) Il-mezzi addizzjonali li għandhom jiġu provduti mill-Aġenzija lill-Istati Membri għandhom ikunu disponibbli permezz tal-mekkaniżmu Komunitarju fil-qasam ta' l-interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili, inkluż it-tniġġis tal-baħar aċċidentali, imwaqqfin bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001<sup>12</sup>.
- (6) Sabiex tkun assigurata l-implimentazzjoni bir-reqqa tal-Pjan ta' Azzjoni u jissaħħu l-prevenzjoni u r-reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt billi jtkabbru l-attivitajiet attwali ta' kontra t-tniġġis, l-Aġenzija għandha tkun provduta b'sistema ta' finanzjament vijabbli u effettiva meta mqabbla mal-flus li jintefqu, b'mod partikolari, għall-assistenza operattiva tagħha lill-Istati Membri.
- (7) Huwa għaldaqstant meħtieġ li tkun provduta sigurtà finanzjarja xierqa biex jiġu provduti l-fondi għall-kompiti mogħtija lill-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis u azzjonijiet oħrajn marbuta ma' dan fuq il-bażi ta' impenn multi-annwali. L-ammonti annwali tal-kontribuzzjoni Komunitarja għandhom jiġu determinati skond il-proċeduri applikabbli.
- (8) L-ammonti li għandhom jiġu impenjati biex jinħarġu fondi għar-reazzjoni kontra t-tniġġis għandhom ikopru l-perjodu mill-2007 sal-2013 skond il-perspettiva finanzjarja l-ġdida.
- (9) Ammont finanzjarju ta' referenza li jkopri l-istess perjodu, mill-2007 sal-2013 hu provdut f'dan ir-Regolament għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.
- (10) Sabiex ikun hemm l-aħjar allokkazzjoni tal-fondi u jitqiesu kwalunkwe tibidliet li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet ta' reazzjoni kontra t-tniġġis miż-żejt, jeħtieġ li jkun assigurat immonitorjar kontinwu tal-ħtiġijiet partikolari għall-azzjoni sabiex ikun hemm lok għal addattament ta' l-ammonti finanzjarji annwali marbuta.
- (11) Il-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija għandu għaldaqstant jirrivedi l-impenji marbuta mal-baġit, fuq il-bażi ta' rapport prodott mid-Direttur Eżekuttiv, biex jinkludi l-aġġustamenti meħtieġa fil-baġit ta' l-Aġenzija. Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandu għaldaqstant jiġi emendat skond dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

---

<sup>12</sup> ĠU L 297, tal-15.11.2001, p. 7.

## Artikolu 1

### **Għan**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi arranġamenti dettaljati għall-kontribut finanzjarju tal-Komunità għall-baġit ta' l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għall-implimentazzjoni tal-kompiti mogħtija lilha fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn bastimenti u azzjonijiet oħrajn marbuta ma' dan, skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

## Artikolu 2

### **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima mwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002.
- (b) "Ftehimiet reġjonali" tfisser il-ftehimiet bilaterali u reġjonali, bħall-Konvenzjonijiet ta' Helsinki u ta' Barċellona rispettivament ta' l-1974 u l-1976, konklużi bejn l-Istati mal-kosta sabiex jagħtu assistenza lil xulxin fil-każ ta' inċident li jinvolvi tniġġis marittimu.

## Artikolu 3

### **Ambitu**

Il-kontribut finanzjarju tal-Komunità imsemmi fl-Artikolu 1 għandu jkun allokat lill-Aġenzija bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet relatati, b'mod partikolari, ma':

- (a) l-informazzjoni permezz tal-ġbir, l-analiżi u t-tixrid ta' l-aħjar prassi, metodi u innovazzjoni fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt,
- (b) il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni billi jiġu provduti s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni b'assistenza teknika u xjentifika fil-qafas ta' l-attivitajiet tal-ftehimiet reġjonali rilevanti,
- (c) l-assistenza fl-operazzjonijiet billi jiġu sostnuti l-azzjonijiet ta' reazzjoni ta' l-Istati Membri fil-każ ta' tniġġis aċċidentali jew deliberat ikkawżat minn bastimenti, meta mitluba jagħmlu dan, b'mezzi addizzjonali, bħal bastimenti u tagħmir kontra t-tniġġis lesti għall-azzjoni. L-assistenza għandha tkun immirata primarjament lejn il-Baħar Baltiku, il-mogħdijiet mill-Punent għall-Kanal Ingliż, il-kosta ta' l-Atlantiku u l-Baħar Mediterran, b'mod partikolari ż-żona tul ir-rota kummerċjali tat-tankers mill-Baħar l-Iswed, filwaqt li kwalunkwe żona oħra fil-bżonn għandha tingħata assistenza wkoll.

#### *Artikolu 4*

### **Finanzjament Komunitarju**

L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013 għandu jkun ta' 154 miljun Euro.

Għandhom jiġu awtorizzati approprjazzjonijiet ta' kull sena mill-awtorità ta' l-estimi fil-limiti tal-perspettivi finanzjarji.

#### *Artikolu 5*

### **Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità**

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jassiguraw li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament preżenti jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali, permezz ta' kontrolli effettivi u bl-irkupru ta' l-ammonti mħallsin mhux kif suppost u, jekk jinstabu xi irregolaritajiet, b'penali effettivi, proporzjonali u dissważivi, skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 u (Euratom, KE) Nru 2185/96, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
2. Għall-azzjonijiet tal-Komunità ffinanzjati taħt ir-Regolament preżenti, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandha tfigher il-ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi Komunitarja jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew nuqqas minn operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet jew il-baġits amministrati minnhom, minħabba nefqa mhux iġġustifikata.

#### *Artikolu 6*

### **Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1406/2002**

Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (a) Il-punt li ġej jiżdied fl-Artikolu 10 (2):

“(l) reviżjoni ta' l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat, kif imsemmi f'(k) u s-somom mill-baġit impenjati kif previst fir-Regolament [...]”<sup>13</sup> qabel il-bidu tas-sena finanzjarja fuq il-bażi tar-rapport provdut fl-Artikolu 15 (2) (g).”

---

<sup>13</sup> Referenza għar-Regolament preżenti.

(b) Il-punt li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 15 (2):

“(g) hu/hi għandu/ħa j/tressaq rapport quddiem il-Kummissjoni u l-Bord Amministrattiv, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-pjan dettaljat għall-istat ta' preparazzjoni u għall-attivitajiet ta' reazzjoni kontra t-tniġġis ta' l-Aġenzija u jagħti aġġornament ta' l-istat ta' kull azzjoni ffinanzjata skond dan il-pjan.”

#### Artikolu 7

#### **Valutazzjoni**

Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni provduta mill-Aġenzija, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux iktar tard minn erba' snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu. Ir-rapport għandu jagħti r-risultati ta' l-utilizzazzjoni tal-kontribut Komunitarju kif imsemmi fl-Artikolu 4 dwar is-somom impenjati u l-ispiża li tkopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u l-31 ta' Diċembru 2009.

#### Artikolu 8

#### **Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament se jidħol fis-seħħ l-għada tal-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## LEGISLATIVE FINANCIAL STATEMENT

### 1. NAME OF THE PROPOSAL

Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on a multiannual funding for the action of the European Maritime Safety Agency in the field of response to pollution caused by ships and amending Regulation (EC) No 1406/2002.

### 2. ABM / ABB FRAMEWORK

#### **Policy Area(s) concerned and associated Activity/Activities:**

06: Energy and Transport

Inland, air and maritime transport policy;

Implementation of the provisions related to pollution prevention and response activities.

### 3. BUDGET LINES

#### **3.1. Budget lines (operational lines and related technical and administrative assistance lines (ex- B.A lines)) including headings:**

06020203: European Maritime Safety Agency- Anti-pollution measures.

#### **3.2. Duration of the action and of the financial impact:**

7 years (from 2007 to 2013).

#### **3.3. Budgetary characteristics (*add rows if necessary*):**

| Budget line | Type of expenditure |                  | New | EFTA contribution | Contributions from applicant countries | Heading in financial perspective                                 |
|-------------|---------------------|------------------|-----|-------------------|--|--|
| 06020203    | NCE <sup>14</sup>   | DA <sup>15</sup> | NO  | YES               | NO                                     | No 1a<br>Competitiveness for Growth and Employment <sup>16</sup> |

---

<sup>14</sup> Non-compulsory expenditure.

<sup>15</sup> Differentiated appropriations.

<sup>16</sup> This classification stems from the new financial perspectives.

#### 4. SUMMARY OF RESOURCES

##### 4.1. Financial Resources

##### 4.1.1. Summary of commitment appropriations (CA) and payment appropriations (PA)

EUR million (to 3 decimal places)

| Expenditure type | Section no. |  | Year n<br>2007 | n + 1<br>2008 | n + 2<br>2009 | n + 3<br>2010 | n + 4<br>2011 | n + 5<br>2012<br>and<br>2013 <sup>17</sup> | Total |
|------------------|-------------|--|----------------|---------------|---------------|---------------|---------------|--|-------|
|------------------|-------------|--|----------------|---------------|---------------|---------------|---------------|--|-------|

##### Operational expenditure<sup>18</sup>

